**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 5 ta' Marzu, 2020**

Numru 1

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 1287/2018**

**Av. Paul Micallef Grimaud bhala mandatarju specjali ta'
BR International Holdings Inc,**

**vs**

**International Tobacco plc u
Dr Victor Bugeja u P.L. Jean Pierre Busuttil
kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti socjeta estera
International Free Market Company nominati
b'digriet tat-30 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' International Tobacco plc tal-14 ta' Novembru 2019 li ai termini tal-artikolu 7(4) tal-Kap. 414 talbet illi issir revizjoni tad-decizjoni tal-kontrollur tad-dwana u tordna minnufih it-twaqqif tad-detenzjoni jew ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda fil-kontejner ECMU4427127 soggetti ghal kawza sub iudice. L-istess talba ghamlitha ai termini tal-regolament 5(3)(a) tal-regolament tal-EU 608/2013.

Rat ir-risposta tas-socjeta attrici li ssottomettiet diversi ragunijiet ghaliex din it-talba ma kellhiex tigi milqugha.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Din it-talba qed issir fil-mori tal-proceduri mibdija perezz ta' rikors guramentat mis-socjeta attrici ghal dikjarazjoni li l-oggetti maqbuda huma kontrafatti u ghandhom jigu distrutti.

Jirrizulta mill-fatti illi qabel id-dhul tal-vapur f'Malta bil-konsenja in kwisjtoni r-rapprezentant legali ta' dak iz-zmien tas-socjeta attrici kienet avzat lil kontrollur tad-dwana illi s-socjeta attrici kellha suspett li ser jiddahhlu jew jghaddu minn Malta sigaretti bl-isem Business Royals li kienu kontrafatti. Fit-23 ta' Novembru 2018 id-dwana qabdet ex officio l-konsenja li dahlet fil-container ECMU4427127 u infurmaw lill-istess rapprezentant legali jekk riditx li tittiehed azzjoni ai termini tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u EU Regulation 608/2013 (fol. 57 tal-process), u fin-nuqqas ta' tali talba fiz-zmien stabbilit l-oggetti kienu ser jigu rilaxxati.

Jidher li fl-1 ta' Dicembru 2018 giet ricevuta kommunikazzjoni mid-dwana mibghuta mill-United Trademark Patent Services (minn hawn il-quddiem imsejha UTPS) fejn id-dwana giet infurmata li kien qed jigi konfermat li s-sigaretti mizmuma ma kienux prodotti tal-proprjetarju tal-markju, filwaqt li gew sottomessi lid-dwana dokumenti li jixhdu li s-socjeta attrici kienet fil-pussess ta' "trade mark registration certificates for Netherlands (BENELUX)", kif ukoll kopja ta' certifikat tar-regstrazzjoni tal-markju f'Malta u li kienu ser jigu infurmati l-avukati f'Malta biex jigu finalizzati l-proceduri tal-qbid. Jidher li issuktat il-korrispondenza bejn l-ufficjali tad-dwana u l-UTPS fejn inter alia jirrizulta li l-avukat originarjament inkarigata sabiex issegwi l-azzjonijiet mehtiega lokalment irrinunzjat ghall-inkarigu moghti lilha. F'komunikazzjoni sussegwenti tal-istess UTPS li giet esebita fl-atti, datata 17 ta' Dicembru 2018 fejn id-dwana giet infurmata li ma kienet giet ricevuta ebda komunikazzjoni mill-avukat f'Malta u intalbet l-ghajnuna tad-dwana biex jigi suggerit avukat iehor (fol. 69 et seq. tal-process).

Jidher illi d-dwana fl-20 ta' Dicembru 2018 baghtet tinforma lid-ditta legali Ganado Advocates illi rceviet u irregistrat applikazzjoni ghal qbid ai termini tal-Kap. 414 u EU Regulation 608/2013 u 1352/2013 u estendew il-validita ta' tali applikazzjoni ghal zmien sena (fol. 301 et seq. tal-process).

Is-socjeta konvenuta International Tobacco plc qed tattakka l-validita tal-qbid jew id-detenzjoni ghax tmur kontra l-ligi u z-zminijiet procedurali hemm imposti u qed titlob ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda jew it-twaqqif tad-detenzjoni. Dan qed isir principlament a bazi tal-artikolu 7(4) tal-Kap. 414 li jghid hekk:

> Jekk, fi zmien ghaxart ijiem tax-xoghol wara li l-applikant ikun gie notifikat b'avviz tas-sospensjoni tar-rilaxx ta' oggetti jew tat-tizmim taghhom, wara decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana maghmula skont l-artikolu 5(9), il-Kontrollur tad-Dwana ma jkunx inghata prova li jkunu nbdew procedimenti fil-Qorti Civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz jew inkella jekk il-Kontrollur tad-Dwana ma jkunx adotta provvedimenti jew mizuri li jtawlu s-sospensjoni tar-rilaxx tal-oggetti, dawk l-oggetti ghandhom jigu rilaxxati, sakemm tkun tharset kull kondizzjoni ohra ghall-importazzjoni jew l-esportazzjoni. Dak it-terminu jista' jittawal b'ghaxart ijiem tax-xoghol ohra mill-Kontrollur tad-Dwana:
> Izda jekk ikunu nbdew procedimenti f'Qorti Civili dwar oggetti li jkun inzamm ir-rilaxx taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana taht dan l-Att, il-Qorti tista', fuq talba ta' xi parti, tirrevedi d-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana bil-ghan li tiddeciedi jekk l-oggetti ghandhomx jigu rilaxxati jew assolutament jew taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti tista' timponi.

Il-proviso hu wiehed generiku u jaghti l-fakulta lil kwalsiasi parti u mhux necessarjament il-parti milquta bid-detenzjoni jew sospensjoni ta' rilaxx, li titlob rilaxx tal-oggetti b'mod inkondizzjonat jew kondizzjonat.

Il-kwistjoni mqajma mis-socjeta konvenuta hi wahda procedurali u marbuta ma' dak li jrid l-artikolu 7(4) u mhux sostantiva, fis-sens li dak li qed jigi attakkat hu jekk it-termini imposti ghal applikazzjoni ghal detenzjoni jew sospensjoni ta' rilaxx u eventwali kawza wara li tkun giet milqugha id-detenzjoni jew is-sospensjoni kienux rispettati.

Minn qari tad-dibattiti tal-Kumitat permanenti ghall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligi, waqt il-laqgha tas-16 ta' Frar 2000 fil-konsiderazzjonijiet maghmula dwar l-Abbozz ta' Ligi dwar Porprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) Abbozz numru 50, jirrizulta li l-hsieb wara dan il-provvediment kien li jkun hemm lok ghal revizjoni tad-decizjoni tad-dwana fejn ikun hemm perishable goods. Tant hu hekk li jinghad:

> Onor. John Dalli: Hemm ukoll il-provvediment fejn l-importatur jista' jkollu l-kaz rivedut mill-Qorti fejn jidhlu patent u design rights il-merkanzija tista' tigi rilaxxata jekk l-importatur ihallas somma biex jaghmel tajjeb ghal xi dannu possibbli. Din hija importanti l-iktar fejn ikun hemm perishable goods, per ezempju, allura hemm din il-flessibilita.

Kwindi dan il-provvediment tal-ligi jitqies li jaghti lok li l-Qorti taghti mizura temporanja f'dawk il-kazijiet li jitqies li jkun hekk opportun. In oltre l-artikolu 7(5) jipprovdi wkoll ghall-ghoti ta' garanzija fejn l-oggetti involuti jigu rilaxxati jew it-tizmim tal-oggetti jigi revokat.

Hu car mill-provi illi l-kaz kien wiehed anomalu. Ex admissis ir-rapprezentant tal-kontrollur tad-dwana George Agius jixhed (fol. 247 tal-process) li z-zamma tal-oggetti kienet mizura mehuda ex officio u jzid li fl-ewwel perjodu ta' ghaxart ijiem (skont l-artikolu 7(4) tal-Kap. 414) min notifika tal-avviz taz-zamma ma kellux risposta mill-applikant cioe l-pretiz right holder li gew mibdija l-proceduri b'kawza u dan peress illi l-avukat tal-istess applikant kienet irrinunzjat ghall-patrocinju tal-klijent cioe l-prezunt sid tat-trade mark. F'dan il-kaz ghalhekk giet sospiza skont l-istess artikolu 7(4) in-notifikazzjoni tal-avviz tar-rilaxx u l-perjodu ta' ghaxart ijiem impost bl-artikolu 7(4) tal-Kap. 414 beda japplika mill-gdid mill-20 ta' Dicembru 2018 wara li d-Dwana giet notifikata mill-avukati godda tal-atturi (fol. 301 tal-process).

Il-Qorti tqis illi din ix-xiehda tindika li d-dwana uzat id-diskrezzjoni fdata lilha bil-qbid jew sospensjoni ta' rilaxx ex officio li tipprolunga s-sospensjoni tar-rilaxx minhabba cirkostanzi straordinarji u ghalhekk il-Qorti tqis il-perjodi kollha msemmija fl-artikolu 6 gew sospizi. Ghal komplettezza l-artikolu 6 tal-Kap. 414 jghid hekk:

> Meta, filwaqt li jkunu qed isiru skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikolu 4 u qabel ma ssir jew tigi approvata applikazzjoni mid-detentur ta' dritt, jkun jidher b'mod prima facie car lill-Kontrollur tad-Dwana li l-oggetti jkunu oggetti li jikkontravvjenu dritt ta' proprjeta intellettwali, il-Kontrollur tad-Dwana jista' javza lid-detentur ta' dritt, meta dan ikun maghruf, li jista' jkun qed issir kontravvenzjoni ta' dak id-dritt. Il-Kontrollur tad-Dwana jista' jissospendi r-rilaxx tal-oggetti jew izommhom ghal perijodu ta' hamest ijiem tax-xoghol sabiex id-detentur tad-dritt ikun jista' jaghmel applikazzjoni ghal azzjoni skont l-artikolu 5.

F'dan il-kaz il-perjodu ta' hamest ijiem sabiex id-detentur pretiz tad-dritt jaghmel l-applikazzjoni ghaz-zamma mir-rilaxx tal-oggetti maqbuda jew mizmuma mir-rilaxx u jipprovdi d-dokumenti imsemmija fl-istess artikolu ma bdewx jghaddu ghax fil-fehma tax-xhud rapprezentant tal-kontrollur tad-dwana ma kienx hemm il-prova cara li l-

pretiz detentur tad-dritt kien avzat kif irid l-ispirtu tal-ligi cioe l-protezzjoni ta' dritt intellettwali minn ksur ta' tali dritt, bis-sospensjoni tad-detenzjoni.

Hu minnu illi ma hemm ebda prova tat-tul tas-sospensjoni tal-avviz maghmul mill-kontrollur tad-dwana ai termini tal-artikolu 7(4) pero l-artikolu 6 hu wiesa fl-interpretazzjoni tieghu tenut kont il-kliem uzat meta dan (cioe d-detentur tad-dritt) ikun maghruf. Ma' dan jizdied li t-trapass taz-zmien kien wiehed qasir hafna tenut kont tal-korrispondenza li gia saret referenza ghaliha u fi kwalunkwe kaz il-kawza inbdiet fl-24 ta' Dicembru 2018 cioe erbat ijiem wara li l-istess kontrollur ikkonferma li accetta l-applikazzjoni biex issir id-detenzjoni jew sospensjoni ta' rilaxx definittiv purke issir il-kawza fiz-zmien li l-ligi tistipula, kondizzjoni tassattiva li s-socjeta attrici osservat.

Is-socjeta konvenuta wkoll qed tattakka z-zamma tal-oggetti ai termini tar-regolament Ewropew 608/2013 senjatament l-artikolu 5(3). Dan ir-regolament kwazi identiku ghal kwantu formalitajiet u proceduri necessarji meta issir sospensjoni tar-rilaxx ta' oggetti mid-dwana inkluz it-talba tas-sid tad-dritt intellettwali pretiz, ma fihx il-proviso li fih l-artikolu 7(4) tal-Kap. 414. Dan il-proviso del resto hu identiku ghat-Trips Agreement cioe Agreement on Trade Related Aspects of Intellectual Property Rights, pero ma ddahhalx fir-regolament.

Il-Qorti tqis illi dan ma jbiddel xejn minn dak kunsidrat mill-Qorti billi l-kontrollur tad-dwana applika z-zewg ligijiet in tandem u ghalhekk id-diskrezzjoni uzata minnu kif irid il-Kap. 414 ma jistax jinghad li fic-cirkostanzi kienet tmur lil hinn minn dak li trid il-ligi jew li kien hemm xi abbuz tad-diskrezzjoni afdata mill-ligi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur